MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1955/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Jean Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tlett mija u sebgha w ghoxrin lira Maltin (Lm327.00) rapprezentanti import ta' hames kambjali, wahda ta' sebgha u erbghin lira maltin (Lm47.00) u erbgha ta' sebghin lira maltin (Lm70.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Mejju 2003 sa Settembru 2003, rispettivament u mhumiex imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokument numru I sa 5 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjali li sal-24 ta' Settembru 2003, jammontaw ghal sitt liri maltin (Lm6.00) oltre l-imghax minn ulterjuri kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra in-nota ta' ammissjoni li giet prezentata mill-konvenuta 2003 fejn ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attricii is-somma ta' tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm327.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza, ghandhom jiru sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------